# il-Ħuttafa

Numru **164**

Mejju – Ġunju 2021



**Ballottra**

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Aron Tanti

Għasfur ta' San Martin fuq zokk ħdejn għadira, għassa għal xi ħuta fl-ilma.



mill-editur

# Għeżież Ħuttaf...

Meta kont Year 3 kellna ktieb tal-qari jismu *Ġabra ta' Ward* u fih kien hemm kitba jisimha *Il-Bies*. Is-Ser spjegalna li bies huwa għasfur. Dik kienet l-ewwel darba li smajt bih.

Meta kbirt ftit u dħalt fil-BirdLife tgħallimt ħafna fuq il-bies: li jaqbad għasafar oħrajn waqt li jkunu qed itiru, u li jinżel fuqhom b'ħeffa ta' 300km fis-siegħa. Waww!

Xtrajt il-ktieb *L-Agħsafar* u fih qrajt li l-bies ibejjet fl-irdumijiet ta' Malta u Għawdex. Bdejt nixxennaq biex nara wieħed, u staqsejt lil Joe Sultana, wieħed mill-awturi tal-ktieb. Imma Joe qalli li l-bisien Maltin kienu leħqu nqatlu kollha mill-vandali bis-snieter.

Kemm iddispjaċieni. Imma Joe kien qalli wkoll "Tibżax Vic, jekk il-BirdLife tibqa' tgħallem kemm hi sabiħa n-natura ħajja, in-nies jibdew jirrispettaw l-għasafar. U l-bies forsi jerġa' jbejjet fl-irdum."

***Fast forward* 35 sena!**

Illum xi pari bisien qed jerġgħu jbejtu fl-irdum ta' pajjiżna. U kif taraw f'paġna 3, xi bejtiet irnexxew. Hemm ħafna li għadna ma nafux fuq il-bisien ta' Malta. Tgħid l-istess pari qed ibejtu kull sena? Tgħid hemm frieħ li kibru u bdew ibejtu huma stess fl-irdumijiet? Jew kollha sparawlhom?

Xi darba l-BirdLife nagħmlu studju ħalli nitgħallmu s-sigrieti tal-bisien ta' Malta.



IL-BIES

"Piet, taf fejn mar il-bies?"

"Dak li kien fuq il-ħajt?"

"Iva, Piet, dak il-bies."

"Dak tar u mar."

"Min jaf jekk marx fil-wied?"

9



Gawdu l-vaganzi u s-sajf. Basta tibżgħu għax-xatt u għall-ħajja tal-baħar.

Victor

**Victor Falzon** L-Editur



FUQ QUDDIEM

Ritratt ta' Steve Zammit Lupi

## Ballottra

Weasel *Mustela nivalis*

Il-ballottra hija annimal żgħir u mgerrex, u ħafna nies qatt ma raw waħda. Tiekol ġrieden, firien, gremxul u insetti kbar u tgħix f'postijiet fejn hemm pjanti folti, qalb ħitan tas-sejjieħ qodma, eċċ. Għalkemm żgħira, il-ballottra hija xorta waħda l-ikbar karnivoru (tal-art) ta' Malta. Bħall-mammiferi l-oħrajn kważi kollha, il-ballottra hija mħarsa bil-liġi.

Klabb Ħuttaf — Dinja Waħda — BirdLife MALTA

## F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'rajt fil-ġnien! | 4 |
| Ambjentalisti f'xatt il-baħar | 5 |
| Amy's page | 6 |
| Farfetterija! | 7 |
| Il-Fras-servjent | 8–9 |
| Rock Pools | 10 |
| The yelkie | 11 |
| Ġonna Dinja Waħda | 12 |
| Smiley & Grumpy | 13 |
| Reefs and Caves | 14 |
| Il-Gremxula | 15 |
| Saving the forest animals | 16 |


## Who wrote in this issue?

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior section (-18yrs) of BirdLife Malta. Members can attend many activities, including walks, visits to nature reserves, boat trips and environmental work. Members received by post the bi-monthly magazine *Il-Ħuttafa*. Families too can become members, and will then also receive the quarterly adult members' magazine *Bird's Eye View*. Subscription is €10 per annum for Klabb Ħuttaf and €29 for Family.

## Contact


tel **21347645 / 21347646**

**emergency injured bird 79255697**

address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**

email **info@birdlifemalta.org**

website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, Ġunju 2021


Disinn u produzzjoni Victor Falzon

Stampat għand Poulton's Print

Reg.Vol.Org. VO/0052

Aron Tanti



Ben Metzger



# Żewġ bisien

Dawn t'hawn fuq huma żewġ bisien aħwa żgħażagħ qed jitbellhu fl-ajru. Fihom għaxqa tarahom jixxadinjaw u jirfinaw l-arti tat-titjir. Speċjalment għax dawn iż-żewġt aħwa faqqsu u kibru Malta.

Il-**bies** (peregrine falcon *Falco peregrinus*) huwa seqer kbir li għal eluf ta' snin kien ibejjet kull sena f'pajjiżna, tant li ħafna jafuh bħala *The Maltese Falcon*. Imma bil-misħuta kaċċa illegali il-bies inqered minn Malta fis-Snin Tmenin.

F'dawn l-aħħar snin, però, xi pari reġgħu bejtu. Iż-żewġ bisien tar-ritratt huma fil-fatt frieħ minn bejta ta' din is-sena.

Prosit Aron tar-ritratt sabiħ!

# Wara 100 sena . . .

Fit-30 Marzu 2021 in-naturalist ħabib tagħna Ben Metzger mar passiġġata f'sit [1]Natura 2000. Hemmhekk sab roqgħa fjuri li qatt ma kien ra bħalhom f'Malta: kienu **orkidi tal-ilsien** (tongue orchid *Serapias lingua*), speċi li f'Malta kienet ilha ma tidher xi 100 sena, tant li kienet meqjusa [2]estinta minn pajjiżna. Dawn l-orkidi jisimhom hekk għax għandhom il-petala t'isfel twila u mdendla qisu lsien qed jgħajbek! F'Malta għandna iktar minn 30 speċi ta' orkidi, uħud minnhom [3]endemiċi għal Malta.

B'xorti tajba Ben kellu l-kamera u ħa ftit ritratti tal-fjuri, li għoġbu jaqsamhom magħna. Grazzi u prosit!

# Lenti fuq il-Garni

LIFE PanPuffinus!

Iktar ma nitgħallmu fuq l-għasafar iktar inkunu nistgħu ngħinuhom. Ftit ġranet ilu l-BirdLife bdiet studju ġdid fuq il-**garnija** u l-**garnija Balearika** biex nitgħallmu x'perikli jħabbtu wiċċhom magħhom daż-żewġ tajriet tal-baħar. Pereżempju ħafna garni jinqabad bi żball fis-snanar tas-sajd imma ma nafux kemm – b'dan l-istudju ħa nsiru nafu.

Il-proġett jismu **LIFE PanPuffinus!** u se jdum ħames snin. Flimkien ma' BirdLife Malta hemm il-BirdLife ta' Franza, ta' Spanja, tal-Portugall u tal-Greċja, kif ukoll il-Ministeru tas-Sajd, u aġenzija mill-gvern Grieg.










[1]**Natura 2000.** Dawn huma postijiet speċjali fejn in-natura hija mħarsa bil-liġi, fejn ċertu żvilupp ma jistax isir. F'Malta għandna xi 50 sit Natura 2000.
[2]**estint.** Speċi li tkun inqerdet għal kollox minn x'imkien jew anke mid-dinja (bl-Ingliż *extinct*)
[3]**endemiċi.** Speċi li ssibhom biss f'xi postijiet u mkien iktar fid-dinja.

# X'rajt fil-ġnien

Desirée Falzon



Desirée Falzon

Kont qed inħares qalb il-weraq tal-bużbież u ma' werqa rajt imwaħħlin xi affarijiet żgħar qishom rossiet oranġjo. Ħarist mill-viċin iktar u ndunajt li kienu bajd, aktarx ta' xi insett mid-daqs tagħhom.

Ħadtilhom ir-ritratt li taraw hawn fuq u għamilt nota f'moħħi biex niċċekjahom kuljum, ħalli meta jfaqqsu nara x'kienu. Tliet ijiem wara solvejt il-misteru, għax sibt nannakola qed tbid bajd eżatt bħalhom!

Issa qabditni kurżità biex nara ż-żgħar tan-nannakola. U malajr qtajt xewqti, għax ma damux ma faqqsu u ħarġu annimali żgħar ma jixbhu xejn lil ommhom. Kienu qishom dud griżi, b'sitt saqajn u ħafna ponot suwed. Fil-fatt ħafna insetti jkunu qishom dud meta jfaqqsu. Huma u jikbru jinbidlu bil-mod sa ma jsiru bħall-adulti.




Victor Falzon

Issa ridt inkun naf x'jieklu! Għall-ewwel ħsibt li qed inaqqru z-zokk tal-bużbieża li kienu fuqha. Għedt f'qalbi "Mela ommhom bidithom fuq pjanta li jħobbu jieklu. Bħalma jagħmlu l-friefet."

Imma kelli żball, għax in-nannakoli mhux pjanti jieklu. Madwar in-nannakoli żgħar rajt ħafna afidi, insetti daqs nitfa li jsoffu s-sugu tal-pjanta. In-nannakoli żgħar lilhom kienu qed jieklu!

Mela għalhekk ommhom biedet hemm, għax kienet taf li ż-żgħar tagħha se jsibu ħafna afidi x'jieklu. Waww!

L-afidi jgħidulhom ukoll briegħed tal-pjanti, bl-Ingliż *aphids* jew *greenfly*.






Victor Falzon

Jien frieħ tan-nannakola kieku nsemmihom **nannakolini**. X'taħseb?

Jew **nannakoletti**.

Mmm, very nice!



# Ambjentalisti
## f'xatt il-baħar

Issa li beda l-istaġun tal-għawm irridu niftakru nġibu ruħna ta' ambjentalisti anke fil-baħar u fix-xatt. Ix-xatt u l-baħar huma d-dar ta' ħafna annimali. Aħna viżitaturi biss.



Ma narmu xejn fix-xatt għax bir-riħ itiru fil-baħar u jittieklu minn ħut, fkieren jew tajr tal-baħar. Narmu dejjem fil-laned apposta, jew niħduh lura magħna d-dar.



Agħmel *mini clean-up*! Aqbad borża, inżel fil-baħar u iġbor affarijiet tal-plastik li ssib fl-ilma baxx. Imbagħad itla' armihom fil-landa apposta.



Ma naqbdux annimali mill-baħar jew mix-xatt. L-annimali jibżgħu meta aħna naqbduhom. Inħalluhom jgħixu fil-paċi fl-ambjent tagħhom.




Meta nixtru *sunblock* biex nindilku f'xatt il-baħar, nixtru prodotti li (a) ma jkunux ittestjati fuq l-annimali u (b) li ma jkunx fihom kimika li tniġġes il-baħar.



Jekk qegħdin f'xatt bir-ramel filgħaxija, ma nimmirawx dwal lejn il-baħar, biex jekk fekruna tal-baħar titħajjar titla' tbid fir-ramla, ma ngerrxuhiex.



Aħna n-naturalisti tajjeb li nitgħallmu fuq in-natura kull fejn immorru. B'maskla u pajp nistgħu nosservaw il-ħajja tal-baħar anke f'ilma baxx ħafna.

Il-plastik ma jitmermirx bħall-injam u l-ġebel u l-metall. Il-plastik li jispiċċa fil-baħar jibqa' hemm eluf tas-snin.



Tpinġija Victor Falzon

# AMY'S ~~DIARY~~

## all about FINANCE Word Search

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| R | D | G | B | J | A | W | C | K | C | F | U | N | D | S |
| K | E | C | O | A | L | A | L | E | A | R | N | T | R | A |
| A | P | S | V | A | D | N | D | E | S | M | E | A | Z | V |
| N | O | T | P | E | L | T | O | S | P | E | N | D | R | E |
| E | S | O | I | O | I | S | N | F | E | N | M | O | I | N |
| E | I | E | G | Z | N | H | A | C | U | E | A | G | H | T |
| D | T | B | G | Q | T | S | T | V | R | Q | N | K | O | K |
| S | H | A | Y | U | E | Y | I | J | O | X | A | U | L | W |
| X | O | L | B | K | R | N | O | B | U | D | G | E | T | M |
| R | W | A | A | U | E | V | N | W | I | C | E | A | D | Q |
| K | G | N | N | Q | S | X | S | Z | F | L | E | H | Y | E |
| P | O | C | K | E | T | M | O | N | E | Y | I | N | C | K |
| I | Q | E | J | E | Z | M | Q | U | W | I | K | T | T | U |
| J | O | G | H | V | F | I | N | A | N | C | E | Q | Y | S |
| A | C | C | O | U | N | T | K | O | Z | E | P | L | A | N |




POCKET MONEY
RESPONSIBILITY
BOV PIGGY BANK
DONATIONS
SAVE
SPEND
WANTS
EURO
CENTS
CREDIT
DEPOSIT
BUDGET
ACCOUNT
EARN
FUND
FINANCE
GOALS
MANAGE
NEEDS
PLAN
BALANCE
INTEREST




# WINNERS!! WILDLIFE DRAWING COMPETITION

Kendra Galea
Yr 6







Nina Galea
Yr 4

Daniel Calleja
Yr 1



A mega
**WELL DONE** to all participants!
Watch this space for more
**COMPETITIONS**!

BOV
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# Farfetterija!

Ftit ilu fuq bużbieża fil-ġnien sibt din il-bajda. Wara jumejn faqqset...



... u ħareġ dan id-dudu!



Beda jiekol il-weraq tal-bużbież, u wara jumejn...



Wara jumejn oħra...



Wara jumejn oħra...



Wara jumejn oħra...





Wara ħamest ijiem oħra...

Fl-aħħar waqaf jiekol, intrabat b'ħarira ma' zokk, u sar fosdqa.



Wara xahrejn fil-fosdqa, ħareġ dal-ġmiel!



Din hi l-ħajja tax-xagħat tal-**farfett tal-bużbież** (swallowtail butterfly, *Papilio machaon*).




Ritratti ta' Desirée Falzon u Victor Falzon

# Fras-servjent (flimkien mal-familja!)

Black-winged Stilt *Himantopus himantopus*



Ritratt ta' Aron Tanti meħud ftit ġimgħat ilu fir-riserva naturali tal-Għadira



BirdLife
MALTA

# ROCK POOLS

Rocky shores are found throughout the Maltese archipelago and create habitats called 'rock pools'. These are filled up and emptied daily with seawater due to the variation in the tide levels, being above water level at low tide and underwater at high tide. Yet, in the Mediterranean such variation in the tide levels is very small.

MALTA NATIONAL AQUARIUM







### Everyone has an important role!

Rock pools are like miniature communities of plants and animals: the seaweed capture the sunlight energy for growth; herbivorous (vegetarian) animals such as periwinkles and limpets eat the plants; and then predators ranging from whelks to octopus hide among the crevices and prey on the herbivores!

### Why is it hard to survive in these habitats?

The animals who live in rock pools are very susceptible to daily changes in temperature, oxygen, salinity and the action of waves, which require specific adaptations for surviving. Imagine if your house gets flooded and then super dry many times everyday!





Can you spot the fish? Well, I guess that's why they call it the "mystery blenny"!

Oh, and there is a new rockpool exhibit at the Aquarium too!



### What types of animals can we find in rock pools?

In Malta, tide pools are inhabited by animals like clams, crabs, urchins, starfish, barnacles and anemones. Look out for them next time you go to the beach!



# Colour the Yelkie!

Victor Falzon



Here's a lovely **yelkouan shearwater** (*garnija*) for you to colour. Use the number guide to colour the picture.




If the patch has no number, leave the patch white.





Pep Arcos

# Yelkouan Shearwater

Here's a real yelkie in her favourite habitat. Yelkies live almost all their life at sea, flying, swimming and diving for fish. Yelkies like to stay in big groups. When it's time to nest they fly to the land and look for nice holes in the sea cliffs. That's where they lay their egg.

The strange name **yelkouan** comes from **yelkovan**, a Turkish word that means "chases the wind!"



# Ġonna Dinja Waħda

Ġnien Dinja Waħda huwa ġnien speċjali maħsub biex jiġbed in-natura lejh. Il-BirdLife ilha ħafna snin tgħin skejjel biex joħolqu dawn il-ġonna, fejn in-natura tinfirex u l-istudenti jgawdu u jitgħallmu. Nittawlu lejn uħud minnhom...

Victor Falzon

**Post:** Skola Primarja Fgura B (Kulleġġ St Thomas More)

**L-isem tal-ġnien:** Wildlife Garden

**Area tal-ġnien:** 730m$^2$




Victor Falzon




Fil-bidu. Studenti tal-Yr 5 qed iħawlu u jsaqqu l-ewwel siġra tal-għargħar.

Victor Fiott

L-iskola primarja tal-Fgura għandha x-xorti li għadha tgawdi diversi rqajja' ħamrija u ħdura madwarha. Fl-1992 xi għalliema u studenti bdew jaħdmu f'waħda minn dawn l-irqajja'. Għażqu, ħaffru, żergħu u ħawlu. Ftit ftit bidluha f'riserva naturali żgħira.




Desirée Falzon

Victor Falzon



Twaħħal rixtellu fuq quddiem biex jipproteġi l-ġnien.

Dan kien l-ewwel Ġnien Dinja Waħda.



Studenti qed jimlew fliexken bil-ħamrija biex jiżirgħu fihom.



Xi qniefed kultant iżuru l-ġnien bil-lejl




Tabella tal-merħba

# Smiley and Grumpy

Good news and bad news from around the world

## For peat's sake!



The sundew grows in peat bogs. It catches flies to eat!

Peat is a special kind of soil that's made when plants rot slowly after hundreds of years. Where there's a lot of peat, it forms a natural wet habitat called peat bog. Many rare plants grow in peat bogs, and birds like curlews and golden plovers nest there too.

But people keep digging up the peat to sell it as fuel or as garden fertiliser. Many peat bogs in the world are now lost.

The UK has lots of peat bogs, especially in Scotland. Many of them are lost, but now the government in the UK said: **"Okay, we're going to make a law to stop people selling peat."**

They're also going to spend lots of money to protect peat bogs, so the habitat can get healthy again.

## Less flights in France



Plane make pollution streaks in the sky.

Airplanes use up lots of fuel to fly. The $CO_2$ gas that comes out of the fuel is making the weather hotter. So **more flights = more $CO_2$ = more pollution = hotter weather.** Nobody wants the weather to get hotter.

The answer is to make less flights. And France did just that. It stopped short flights and told people to use trains instead. It's not much, but it's a start. Austria did the same last year, maybe other countries will copy the idea.

But why trains? Well, trains are much cleaner for the environment than planes. They're much better than cars too.



## Lemurs lose their home



Sifaka mum and baby, in big danger!

Lemurs are so cute, they look like woolly soft toys. But lemurs are in big trouble too.

There are 107 species of lemurs, and they all live in the forests of Madagascar. But people are chopping down and burning all the forests in Madagascar. If the lemurs lose their home, they will becoming extinct.

Some people also hunt lemurs to eat them or sell them as pets.

All the lemurs of Madagascar are in trouble, but **33 species of them are in real danger**. They can all be extinct very soon.



Denis Cachia

## Keep these Saturdays free!

**Saturday 14 August 2021** Details later

**Saturday 18 September 2021** Details later

**Saturday 11 December 2021** Details later

On all these dates we'll be having Klabb Ħuttaf activities. We still don't know what all the activities will be but we're working on it, and we'll tell you in other issues of the magazine. And of course you can always check our website **www.birdlifemalta.org** for the latest news.

Learn more at www.birdlifemalta.org



# Reefs & Caves

Reefs & caves are important habitats that are very diverse in terms of the communities they support. They are considered '**biodiversity hotspots**' and host a variety of species, including algae, corals, sponges, molluscs, crustaceans and fish. In view of this, these habitats are afforded protection through legal instruments

Reefs can be divided into two types: **geogenic reefs**, which are made of geological features, such as boulders or rocks that create a three-dimensional structure, or **biogenic reefs** which are concretions formed from dead or living organisms, they provide a surface where other species can live. Cold water corals found in deep offshore waters are examples of this biogenic reefs.



The orange area shows the Marine Protected Areas in which ***reefs and caves*** are found.

**Caves** around the Maltese Islands have been formed over time through wave action and geological processes. So called **'karst caves'** along the coast create impressive landscapes on land and under water.

Communities of marine flora and fauna found in caves change in composition from the entrance to darker parts deeper into the cave. Features such as light, currents and temperature influence which species are present.

Apart from the various caves found along our coastline, caves have also been found offshore at depths of 200m to 780m. These are thought to have formed a very long time ago, some 5-7 million years ago when the Mediterranean Sea was mostly dry.



Cold Water Coral Reefs

Many species found on reefs or cave walls – such as sponges and bryozoans are fragile and sensitive, and can thus be harmed if touched. Care should be taken not to touch or hit them. Due to their vulnerability a number of species found in reefs and caves have been given legal protection.

For more information visit **era.org.mt**



Photo: Cold Water Coral Reef - OCEANA © LIFE BaĦAR for N2K
Photo: Cave - OCEANA/Carlos Minguell © LIFE BaĦAR for N2K

Cave

FATTI FAWNA



Victor Falzon

# il-Gremxula

- Il-gremxula hija waħda minn disa' speċi ta' rettili tal-art li nsibu f'Malta.
- L-isem bl-Ingliż tal-gremxula huwa Maltese wall lizard, u l-isem xjentifiku huwa *Podarcis filfolensis*.
- Il-gremxula ta' Malta hija endemika, jiġifieri tinstab f'Malta biss u mkien iktar fid-dinja.
- Il-gremxul irġiel tagħrafhom min-nisa għax ikollhom ħafna aħdar. In-nisa jkunu kannella.
- Il-gremxul jiekol annimali żgħar bħal nemel, xgħat (*caterpillars*) u dud. Inaqqar ukoll frott jew tadam misjur li jsib fl-art.
- Il-gremxula tgħix f'diversi ħabitati, fosthom raba', steppa, xagħri u ġonna. Dan il-ħabitat qed jonqos għax ħafna kampanja qed tinbena u ħafna ġonna qed jinbidlu f'pixxini.
- Bħal ħafna rettili, fix-xitwa l-gremxul jidħol jorqod fit-tul fi xquq fil-ħitan jew blat.
- Jeżistu erba' razez tal-gremxula. L-iktar razza komuni hija dik li naraw madwarna, u tgħix fuq Malta, Għawdex u Kemmuna.




- Razza oħra tgħix biss fuq Il-Ġebla tal-Ġeneral, gżira ċkejkna f'Għawdex.
- Razza oħra tgħix biss fuq Filfla. Kbira u sewda, b'tikek koħol.
- Hemm razza oħra li tinsab fuq Linosa u Lampione, żewġ gżejjer żgħar Taljani.
- Sa xi snin ilu kienet teżisti razza oħra fuq il-Gżejjer ta' San Pawl. Din ir-razza nqerdet, aktarx kiluha l-firien li nvadew il-gżira.
- Jekk predatur jaqbad gremxula minn denbha, din kapaċi twaqqa' denbha u taħrab. Wara xi żmien jikbrilha ieħor.
- Bħar-rettili kollha ta' Malta, il-gremxula hija mħarsa bil-liġi.



Il-Ġebla tal-Ġeneral

Victor Falzon


ECOHIVE
MISSIONS
SAVING THE FOREST ANIMALS
WRITTEN BY ELENA
IT WAS A PERFECT DAY FOR A FIELD TRIP...
CLEAN NATURE MEANS A HEALTHY ENVIRONMENT FOR THE ANIMALS.
AND IF YOU SEE OTHERS LITTERING, IT DOESN'T MEAN YOU SHOULD TOO!
PRINCIPAL HONEYCOMB? WHAT ARE YOU DOING HERE?
YOU ARE NEEDED AT THE ECOHIVE. THIS VOLUNTEER WILL FILL IN FOR YOU.
...BUT EVIL WAS LURKING IN THE BUSHES
I LEAVE IT IN YOUR HANDS MR.STINK!
YEAH YEAH... OFF YOU GO... BYE!
HELLO, LITTLE BRATS.. ERRR... KIDS! I'LL BE TEACHING YOU ALL YOU NEED TO KNOW!
I BROUGHT SOME TRASH... ERRRR... GOODIE BAGS FOR THE ANIMALS! HELP ME SPREAD WHAT'S INSIDE!
DON'T LISTEN TO THE BEES! ANIMALS WILL LOVE THIS!
HMMM.... I SMELL SOMETHING FISHY GOING ON...
YOU'RE RIGHT, AND HE LOOKS STRANGELY FAMILIAR
NOW I KNOW! IT'S THE GARBAGE MONSTER!
ECOHIVE
SOS! GARBAGE MONSTER IS HERE! SEND HELP NOW!
SEND
QUICK, GET HELP!
YOU BETTER RUN, COWARD! AND DON'T SHOW YOUR STINKY FACE EVER AGAIN!
MY JOB HERE IS DONE! ALL BETTER NOW! SMELL YOU LATER, LOSERS!
IT'S OK, KIDS! WE BROUGHT HELP! LET'S GET TO WORK AND CLEAN UP THIS MESS!
WORKING TOGETHER WE'LL GET THIS DONE IN NO TIME!
YES. AND ONLY TOGETHER WE CAN DEFEAT THAT STINKING MONSTER!
YOU DID GREAT! ALERTING US WAS JUST THE RIGHT MOVE!
THANK YOU! WE'RE ALL ECO WARRIORS!
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS